Maltese Paediatric Association

# IL-ĦARSIEN TAD-DRITTIJIET UMANI

# FL-EMENDI GĦALL-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-EMBRIJUNI

*Stqarrija għall-Istampa*

L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Pedjatrija tappella lill-membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex iħarsu d-drittijiet umani ta' kull embrijun fl-amendi għall-Att dwar Il-Protezzjoni tal-Embrijuni.

Il-Laqgħa Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-20 ta' April 2018 tinnota b'sodisfazzjoni illi l-problema ta' triplets, bir-riskji ta' komplikazzjonijiet mediċi għat-trabi, kienet prattikament solvuta bl-applikazzjoni tal-liġi preżenti tal-ħarsien tal-embrijuni.

Il-Laqgħa Ġenerali approvat ukoll riżoluzzjoni li telenka tlett drittijiet ewlenin ta' kull embrijun:

1. L-ebda embrijun m'għandu jkun imċaħħad **id-dritt tal-ħajja**, jew li ħajtu tkun sospiża jew ipperikolata, bħalma jiġri fl-iffriżar tal-embrijun.
2. L-embrijuni kollha għandu jkollhom l-istess **dritt li jkunu mrobbija mill-ġenituri naturali** tagħhom.
3. It-tfal li jitwieldu minn IVF għandhom **id-dritt li jkunu jafu l-identità tal-ġenituri bijoloġiċi** tagħhom, anki biex ikun evitat li jkollhom tfal minn qraba bioloġiċi, peress li dan iżid drastikament ir-riskju ta' mard ġenetiku fit-tfal bis-sofferenza li jġib miegħu.

L-Assoċjazzjoni tilqa' kull titjib fil-qafas legali u l-prattika tal-IVF li huwa konsistenti mad-drittijiet tal-embrijuni u t-tfal li jitwieldu minn din il-proċedura.

Dr Paul Soler
President
20 ta' April 2018

Dr Mark Buttigieg
Segretarju
20 ta' April 2018